



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9101/23

LIMITE

CORLX 475
CFSP/PESC 670
CSDP/PSDC 345
PESCO 9
FIN 514

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tikkonferma l-partekipazzjoni tad-Danimarka fil-PESCO, u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 li tistabbilixxi Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri partekipanti

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' ...

**li tikkonferma l-partekipazzjoni tad-Danimarka fil-PESCO,
u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315
li tistabbilixxi Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO)
u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri partekipanti**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 46(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Protokoll Nru 10 dwar il-kooperazzjoni strutturata permanenti stabbilita bl-Artikolu 42 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea meħmuż mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) L-Artikolu 46(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jipprevedi li kull Stat Membri li jixtieq jieħu sehem fil-kooperazzjoni strutturata permanenti (PESCO) għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu lill-Kunsill u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-Rappreżentant Għoli").
- (2) Fl-1 ta' Ġunju 2022, sar referendum fid-Danimarka dwar ir-revoka tal-eżenzjoni mill-parteċipazzjoni f'deċiżjonijiet u azzjonijiet tal-Unjoni li għandhom implikazzjonijiet ta' difiża stabbilita fl-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 22 tat-Trattati dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka. Dak ir-referendum irriżulta f'vot favur ir-revoka.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 7 tal-Protokoll Nru 22, permezz ta' ittra mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin tagħha fl-20 ta' Ġunju 2022, id-Danimarka infurmat lill-Istati Membri l-oħra li ma xtaqitx tagħmel użu aktar mill-Artikolu 5 tal-Protokoll mill-1 ta' Lulju 2022.

- (4) Fit-23 ta' Marzu 2023, il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli rċevew notifika mid-Danimarka f'konformità mal-Artikolu 46(3) TUE li d-Danimarka għandha l-intenzjoni li tipparteċipa fil-PESCO.
- (5) Fil-Pjan Nazzjonali ta' Implimentazzjoni tagħha, id-Danimarka stipulat il-kapaċità tagħha li tissodisfa l-impenji l-aktar vinkolanti, li jinsabu fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315¹, li l-Istati membri ħadu lejn xulxin.
- (6) Ladarba l-kondizzjonijiet neċessarji ġew issodisfati, huwa għaldaqstant xieraq li l-Kunsill jadotta deċiżjoni li tikkonferma l-parteċipazzjoni tad-Danimarka fil-PESCO.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 tal-11 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri Parteċipanti (ĠU L 331, 14.12.2017, p. 57).

Artikolu 1

Il-parteċipazzjoni tad-Danimarka fil-PESCO hija b'dan ikkonfermata.

Artikolu 2

Fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2315 l-inċiż li ġej jiddaħħal wara t-tielet inċiż:

“- Danimarka,”.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President